**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 03 ta' Ottubru 2023

Każ Numru: 290/2017

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**Philip Zammit**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 608757 (M))

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Philip Zammit** ta' 59 sena, iben Nazzareno u Giovanna nee' Sacco, imwieled il-Qrendi, nhar is-7 ta' Settembru 1957 u residenti 78, Avgi, Triq it-Tempesta, Qrendi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 608757M, akkużat talli nhar id-9 ta' Jannar 2016, għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa neqsin għoxrin u l-ħamsa u nofs u ħamsa ta' filgħodu ġewwa l-Isptar Monte Karmeli, Attard b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Richard Geoffrey Paxton.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebiet estratt mill-att tat-twelid kif ukoll fedina penali ta' Philip Zammit, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Frar 2018, l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament iċ-ċitazzjoni li għaliha l-imputat wieġeb mhux ħati.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2022, id-difiża ddikjarat li m'għandiex aktar provi xi tressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smigħ mill-ġdid tal-provi li kienu ġia nstemgħu minn din il-Qorti diversament ippreseduta b'eċċezzjoni waħda dik li jerġa jsir aċċess ġewwa l-Forensic Unit Attard, liema aċċess sar fis-19 ta' Ġunju 2023;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjonijiet orali finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **WPS 198 Jennifer Caruana** tixhed kif fid-9 ta' Jannar 2016 għal ħabta tas-sitta u għaxra ta' filgħodu il-Maġġur Martin Callus mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin ċempel l-għassa tal-pulizija ta' Birkirkara u rrapporta li priġunier li kien jinsab fil-Forensic Ward ġewwa Monte Karmeli kkommetta suwiċidju.

   Hija marret fuq il-post u ġie stabbilit li l-vittma kien ċertu Richard Geoffrey Paxton, li kien diġà ttieħed lejn l-isptar Mater Dei akkumpanjat minn CO42 Joseph Mifsud. Wara li ppruvaw inutilment għal erbgħin minuta jagħtuh iċ-CPR, Richard Geoffrey Paxton

ġie ċċertifikat mejjet minn Dr James Borg. Għalhekk ix-xhud infurmat lill-Ispettur Luke Bonello, fejn min-naħa tiegħu nforma lil Maġistrat tal-Għassa u nfetħet inkjesta.

Ix-xhud kellmet lill-imputat fejn huwa qalilha li huwa kien ġol-kamra tal-gwardjani u għal ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu n-nurse Paul Balzan talbu sabiex jiftaħ ċella numru 5 għaliex il-priġunier ma kienx qed jirrispondi meta bdew jgħajtulu. Huwa fetaħ iċ-ċella mmedjatament u nnutaw li Richard Geoffrey Paxton kien qiegħed bilwieqfa b'ħabel tan-nylon imdendel ma' għonqu. Huma immedjatament qatgħu l-ħabel u bdew jagħtuh ic-CPR fejn assistih Dr Giovanni Grech minn Mount Carmel sakemm ambulanza marret tassisti.

Ġie mitkellem ukoll in-nurse Paul Balzan fejn hu qal li kien fil-kamra tal-gwardjani u innota f'ħin minnhom li fuq ic-CCTV cameras Richard Geoffrey Paxton ma kienx qiegħed jiċċaqlaq. Għalhekk huwa mar qrib il-bieb taċ-ċella tiegħu u x'ħin għajjatlu huwa ma rrispondiehx lura. Għalhekk huwa talab lill-gwardjan sabiex jiftaħlu l-bieb taċ-ċella u meta fetħu ċ-ċella innutawh bilwieqfa b'ħabel tan-nylon madwar għonqu. Il-gwardjan qata' l-ħabel immedjatament u bdew jagħtuh ic-CPR.

Ġew mitkellma wkoll in-Nurses Rakhil Noor, Yulia Toteva u Chioma Petra fejn ilkoll taw l-istess verżjoni fejn stqarrew li kienu fil-kamra tal-gwardjani u nnotaw f'ħin minnhom li fuq ic-CCTV cameras Richard Geoffrey Paxton ma kienx qiegħed jiċċaqlaq. Għalhekk huma maru qrib il-bieb taċ-ċella tiegħu u x'ħin għajtulu huwa ma rrispondiehx lura. Għalhekk talbu lil gwardjan sabiex jiftaħ l-bieb taċ-ċella u meta fetħu ċ-ċella innutawh bilwieqfa b'ħabel tan-nylon madwar għonqu. Il-gwardjan qata' l-ħabel immedjatament u bdew jagħtuh ic-CPR.

Ix-xhud ikkonfermat li l-imputat kien xogħol duty u li xogħlu huwa ta' gwardjan u dak il-ħin huwa kien qiegħed ġol-kamra tal-gwardjani u kellu l-monitors quddiemu tac-CCTVs. Ix-xhud iddikjarat li hija talbet li tara l-filmat fejn spjegat kif f'ħin minnhom deher Richard Geoffrey Paxton jippassiġġa iżda mbagħad f'ħin minnhom ma baqax jidher fil-camera għax fejn kien hemm il-camera tiġi eżatt fuq il-bieb u peress li hu resaq mal-bieb ma baqax jidher. Eventwalment dehret pala ta' sieq waħda li għal ħin twil din l-istess pala ma kinitx qed tiċċaqlaq. Ix-xhud iddikjarat li dawn ic-CCTV

cameras jinsabu fil-kamra tal-gwardjani. Ix-xhud ippreżentat ir-rapport tal-inċident li ġie mmarkat Dok JC1.

**Ix-xhud iddikjarat li Richard Geoffrey Paxton kien taħt constant watch u suppost li kellu Nurse assenjata miegħu l-ħin kollu.**

2. **In-Nurse Paul Balzan** xehed li huwa nurse jaħdem ġewwa l-Forensic Unit Monte Karmeli. Xehed kif fid-9 ta' Jannar 2016 kien xogħol u kellu diversi rapporti x'jikteb u iddeċieda li jmur jiktibhom fejn hemm il-monitors li minnhom jaraw pazjenti li jkunu jinsabu f'single rooms. Huwa ħares lejn il-monitors u Richard Geoffrey Paxton ma kienx qiegħed jidher fil-monitor. Ix-xhud ġibed l-attenzjoni tan-nurse Yulia Toteva in-nurse responsabbli li tosserva dawn il-monitors. Hija nfurmatu li Richard Geoffrey Paxton jinsab mal-ħajt tal-bieb taċ-ċella u dak il-ħajt ma jinqabadx mill-cameras. Għal bidu x-xhud bħal qisu kkonvinċa ruħu mill-ispjegazzjoni li tagħtu n-nurse iżda mbagħad iddecieda li jmur jittawwallu. Mar ħdejn iċ-ċella tiegħu u mit-trapna (mit-toqba fil-bieb) ra l-pala ta' idu u kkonvinċa ruħu li qiegħed wara l-bieb. Iżda mbagħad meta għadda il-ħin u ra li Richard Geoffrey Paxton baqa ma ċċaqlaqx huwa ddeċieda li jerġa jmur jittawwallu u iddeċieda li jgħajjatlu b'ismu iżda huwa ma bediex jirrispondi lura u għalhekk telaq jiġri fejn ikun hemm il-gwardjani u talab lill-imputat biex jiftaħ iċ-ċella ta' Richard Geoffrey Paxton.

Ix-Xhud iddikjara li kif fetħu ċ-ċella huma sabu lil Richard Geoffrey Paxton b'ħabel irqiq ma għonqu. Dak il-ħin l-imputat qatagħlu l-ħabel u poġġewh mal-art u bdew jagħtuh ic-CPR. Ix-xhud iddikjara li Richard Geoffrey Paxton kien under level one supervision għax kien suicidal **u għalhekk huwa kellu jkun under constant watch min-nurse.**

3. **L-Ispettur Elton Taliana** xehed u ippreżenta kopja tal- proċes verbal.

4. **Proċes verbal numru 397/16** - minn dan il-proċes verbal jirriżulta li l-Maġistrat inkwirenti semgħet ix-xhieda bil-ġurament tas-segwenti persuni:
   a. **Joseph Mifsud** fejn xehed li huwa gwardjan tal-ħabs stazzjonat ġewwa il-Forensic Ward fl-Isptar Monte Karmeli. Huwa xehed li qabel ma daħal fiċ-ċella, kienet saret strip search fuq il-persuna ta' Richard Geoffrey Paxton u dan għal

xi sitta ta' filgħaxija. Is-search saret minnu, mill-gwardjan Romeo Degiorgio u l-gwardjan Franklyn Zerafa u ma kienu sabulu xejn fuqu. Saret search anke fiċ-ċella tiegħu u ma sabu xejn.

Xehed li l-monitors huma żgħar hafna u huma black and white. Xehed li l-imputat Philip Zammit u hu kienu xogħol ta' bil-lejl. Biex joqogħdu għassa mal-monitors huma kienu jinqasmu u cioé bejn id-disa' ta' filgħaxija sat-tlieta ta' filgħodu kien għassa mal-monitors ix-xhud, imbagħad wara t-tlieta ta' filgħodu kien għassa mal-monitor l-imputat Philip Zammit.

Għal xi l-ħamsa u għaxra ta' filgħodu kien mar ħdejhom l-infermier Pawlu Balzan u meta ix-xhud staqsieh jekk hux kollox ok, l-infermier Pawlu Balzan irrispondih fl-affermattiv. Madanakollu Pawlu Balzan reġa mar fil-ħamsa u nofs u talabhom sabiex jiftħulu ċ-ċella għax Richard Geoffrey Paxton ma kienx qiegħed ikellimhom. L-imputat fetaħ iċ-ċella u sabu lil Richard Geoffrey Paxton mgħallaq.

b. **Romeo Degiorgio** xehed li huwa gwardjan stazzjonat ġewwa l-Forensic Unit. Xehed kif għal xi sitta ta' filgħaxija, qabel ma daħal fiċ-ċella kienet saret kemm strip search fuq il-persuna ta' Richard Geoffrey Paxton u saret search ukoll fiċ-ċella tiegħu. F'dawn is-searches ma nstab xejn. Is-searches saru minnu, mill-gwardjan Joseph Mifsud u l-gwardjan Franklyn Zerafa.

c. **L-imputat Philip Zammit** xehed li huwa gwardjan tal-ħabs u stazzjonat il-Forensic Unit l-Isptar Monte Karmeli. Huwa xehed li huwa ma kienx involut fis-search li saret fiċ-ċella ta' Richard Geoffrey Paxton. Huwa xehed li mit-tlieta ta' filgħodu tad-9 ta' Jannar 2016 huwa kien għassa mal-monitors. Stqarr li Richard Geoffrey Paxton kien taħt level one supervision u kellu nurse miegħu timmoniterjah erba' u għoxrin siegħa. Stqarr li għal ħabta tal-erba' u nofs ta' filgħodu ħareġ mis-sala ħalli jara li kollox kien sew. Il-camera fiċ-ċella ta' fejn kien Richard Geoffrey Paxton ma kinitx taqbad iċ-ċella kollha. Il-bieb ma jinqabadx u it-tieqa ma tinqabadx kollha.

Xehed li għal ħabta tal-ħamsa neqsin kwart jew il-ħamsa neqsin għaxra tal-filgħodu tad-9 ta' Jannar 2016 huwa induna li Richard Geoffrey Paxton ma kienx qiegħed jidher fuq il-camera u mar ħdejn iċ-ċella tiegħu, ittawwal minn trapna żgħira u staqsieh jekk hux kollox sew u Richard Geoffrey Paxton b'leħen normali infurmah li kollox kien sew. Għal xil-ħamsa u għaxra ta' filgħodu mar ħdejn iċ-ċella n-nurse Paul Balzan, imbagħad fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu dan l-istess nurse talbu biex jiftaħlu ċ-ċella għax ma kienx qiegħed ikellmu. X'ħin fetħu ċ-ċella sabuh mgħallaq. Ix-xhud permezz ta' nail cutter qata l-lenza tas-sajd li kienet imdawra ma għonqu u bdew jagħtuh il-CPR.

d. **Franklyn Zerafa** xehed li huwa gwardjan stazzjonat ġewwa l-Forensic Unit. Huwa xehed kif kienet saret search fiċ-ċella ta' Richard Geoffrey Paxton fit-8 ta' Jannar 2016 għal xi sitta ta' filgħaxija qabel ma l-istess Richard Geoffrey Paxton daħal fiċ-ċella. Is-search saret minnu, mill-gwardjan Joseph Mifsud u l-gwardjan Joseph Mifsud  u ma sabu xejn.

   Fid-9 ta' Jannar 2016 huwa kien skorta mal-kadavru ta' Richard Geoffrey Paxton.

e. **Yulia Toteva** eżercitat id-dritt tas-silenzju.

f. **Paul Balzan** nurse li jaħdem ġewwa l-Forensic Unit Monte Karmeli, xehed kif fid-9 ta' Jannar 2016 kien xogħol u kellu diversi rapporti x'jikteb u iddeċieda li jmur jiktibhom fil-kamra fejn hemm il-monitors li minnhom jaraw pazjenti li jkunu jinsabu f'single rooms. Huwa ħares lejn il-monitors u Richard Geoffrey Paxton ma kienx qiegħed jidher fil-monitor. Ix-xhud ġibed l-attenzjoni tan-nurse Yulia Toteva in-nurse responsabbli li tosserva dawn il-monitors u hija nfurmatu l Richard Geoffrey Paxton jinsab mal-ħajt tal-bieb taċ-ċella u dak il-ħajt ma jinqabadx mill-camera. Għal bidu x-xhud bħal qisu kkonvinċa ruħu mill-ispjegazzjoni li tagħtu n-nurse iżda mbagħad iddecieda li jmur jittawwallu. Mar ħdejn iċ-ċella tiegħu u mit-trapna (mit-toqba fil-bieb) ra l-pala ta' idu u kkonvinċa ruħu li qiegħed wara l-bieb. Iżda mbagħad meta għadda il-ħin u ra li Richard Geoffrey Paxton baqa ma ċċaqlaqx huwa ddeċieda li jerġa jmur jittawwallu u iddeċieda li jgħajjatlu b'ismu iżda huwa ma bediex jirrispondi lura

u għalhekk telaq jiġri fejn ikun hemm il-gwardjani u talab lill-imputat biex jiftaħ iċ-ċella ta' Richard Geoffrey Paxton.

Ix-Xhud iddikjara li kif fetħu ċ-ċella huma sabu lil Richard Geoffrey Paxton b'ħabel irqiq ma għonqu. Dak il-ħin l-imputat qatagħlu l-ħabel u poġġewh mal-art u bdew jagħtuh ic-CPR. **Ix-xhud iddikjara li Richard Geoffrey Paxton kien under level one supervision għax kien suicidal u għalhekk huwa kellu jkun under constant watch min-nurse. In-nurses li kienu qed jieħdu ħsieb il-constant watch kienu Rakhil Noor, Petra Chioma, Yulia Toteva u dawn qassmu l-lejl bejniethom.**

**It-Tabib Dr Mario Scerri** ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fil-proċess verbal, fejn wara li sema' x-xhieda huwa kkonkluda fost l-oħrajn:

*"Illi dan kien taħt Level 1 constant watch permezz ta' CCTV* ***fil-ħin li jkun fis-single room u barra s-single room constant watch tkun at arms length mill-istaff tan-nurses***
*Illi x-xogħol ta' dawn in-nurses kien jinkludi moniteraġġ tal-pazjenti li kienu fis-single rooms*
*Illi fil-kmamar fejn ikun hemm il-pazjenti li qegħdin jiġu osservati hemm camera fuq il-bieb. Fl-opinjoni tal-esponent il-posiżżjoni tagħha ma huwiex adegwat għar-raġuni li dak li jiġri mal-ħajt tal-bieb ma huwiex viżibbli minn dawn il-cameras. Apparti minn dan meta l-esponenti ra l-monitors nhar id-9 ta' Jannar 2016 deher biċ-ċar ħafna fis-sens illi wieħed jista jara x'qiegħed jiġri pero' huwa diffiċli biex jagħraf l-uċuħ*
*Illi l-lenza li biha ssospenda ruħu Paxton tabilħaqq kienet moħbija fiċ-ċella ta' Paxton nhar it-8 ta' Jannar 2016 ghall-ħabta tas-6.00pm*
*Illi l-esponenti jaqbel mas-suġġeriment ta' Dr. Joseph Spiteri li l-bibien taċ-ċelel fejn ikunu qegħdin jinżammu dawn il-pazjenti li jkunu under constant watch m'ghandux ikun solidu iżda għandu jkun magħmul minn ħadid vertikali u għalhekk in-nurses li jkunu fil-kuridur jistgħu jaraw faċilment x'ikun qiegħed jiġri f'dawn il-kmamar apparti l-monitors. Dan m'għandux ikollu bars oriżżontali sabiex pazjenti ma jkunux jistgħu jiddendlu miegħu*
*Ukoll ta' periklu huwa l-perspex fuq in-naħa ta' barra tat-tieqa li tagħti għall-bitħa. Dan il-perspex jista' jkun ta' periklu għall-pazjenti li jkunu determinati li jikkommettu suwiċidju u li jistgħu ikissruh u jittqattgħu miegħu*

*Illi t-toqba fil-ħadid fil-kantuniera tal-lemin ta' fuq, fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieb taċ-ċella li fiha kien hemm Paxton u li magħha nstab sospiż hija bla skop u għandha tingħalaq immedjatament"*

5. **L-espert Tekniku l-Avukat Dr Martin Bajada,** ippeżenta r-relazzjoni tiegħu fil-proċess verbal fejn mir-relazzjoni tiegħu jirriżulta li l-aħħar proof of life ta' Richard Geoffrey Paxton kien fid-9 ta' Jannar 2016 għal ħabta ta' 04:42:57. Mill-istess relazzjoni jirriżulta li l-imputat Philip Zammit mar ħdejn u ttawwal fiċ-ċella ta' Richard Paxton mit-trapna żgħira li hemm fil-bieb fil-04:53:55 tad-9 ta' Jannar 2016 u dam hemm sa 04:54:02 tad-9 ta' Jannar 2016 u dana jfisser li mar jittawwal madwar għaxar minuti wara li ma kienx hemm aktar movimenti ta' ħajja f'Richard Paxton.

   Dr Martin Bajada filwaqt li ppreżenta kopja tac-CCTV footages u l-istills tal-istess CCTV kif ukoll kopja tar-relazzjoni tiegħu fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali, liema relazzjoni ġiet mmarkata dok MB1, xehed li kif kienet ippożiżżjonata il-camera ma ġġibx il-bieb taċ-ċella. Ix-xhud iddikjara kif hemm żewg lokalitajiet fejn wieħed jista jara l-monitors tal-cameras u cioé l-gwardjani u n-nurses kellhom kmamar separati. **L-infermiera jaraw tlett ċelel biss li jkun fihom pazjenti under constant watch**. Min-naħa l-oħra l-gwardjani wkoll għandhom il-monitors fil-kamra tagħhom però l-Gwardjan jkollu josserva dawn it-tlett ċelel flimkien mal-area kollha. Fil-fatt il-gwardjan ikollu josserva madwar sitta u tletin camera. Meta mistoqsi rigward il-kwalita' ta' dawn il-monitors huwa wieġeb 'much to be desired'.

   F'xhieda oħra sussegwenti x-xhud iddikjara li d-daqs tal-monitors li kien hemm dak iż-żmien kienu minn 9.9 inch sa 19.6 inch u kienu jidhru bejn erba' u sitt kaxxi f'kull screen.

6. **L-istqarrija tal-imputat Philip Zammit datata 29 ta' Marzu 2017**, fejn fiha huwa stqarr li kien ilu jaħdem gwardjan il-ħabs għal wieħed u għoxrin sena. Huwa stqarr li fid-9 ta' Jannar 2016 huwa kien stazzjonat bħala gwardjan fil-Forensic Ward fl-isptar Monte Carmeli. Iddikjara li xogħlu huwa li jżomm is-sigurtà u jassigura li ma jaħrab ħadd u li ma jkunx hemm ġlied sabiex tinżamm il-bon ordni. Jistqarr li huwa ma kienx constant watch ma Richard Paxton u li kienet in-nurse li kienet constant watch miegħu. Jispjega kif il-cameras huma outline tad-division biex jaraw jekk ikunx hemm xi sgass.

Jispjega li kien hemm xi cameras anke ġewwa fosthom camera fiċ-ċella ta' Paxton li iżda kienet difettuża u fil-fatt ma kinitx qed turi ċ-ċella kollha. Huwa jgħid li lil Paxton kien kellmu għal xi l-ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu u qallu 'am allright' u sitt minuti wara mar in-Nurse Pawlu Balzan jiċċekjah. Imbagħad fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu l-istess Balzan infurmah li Paxton ma qiegħedx ikellmu u fetħu ċ-ċella. X'ħin fetħu ċ-ċella sabu lil Paxton mgħallaq. Fejn tgħallaq Paxton ic-CCTV ma kinitx taqbdu. Jispjega kif huwa ma kellu l-ebda obbligu u ma kienx ingħata xi struzzjonijiet sabiex jieħu ħsieb lil Paxton.

7. **Frankie Borg** xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' Maġġur stazzjonat ġewwa l-ħabs ta' Kordin. Ix-xhud iddikjara li l-imputat kien jaħdem il-Forensic Unit u xogħlu kien Gwardjan. Ix-xhud jiddikjara kif ix-xogħol ta' Gwardjan jikkonsisti f'li jieħu ħsieb it-telephone, jieħu ħsieb il-viżti tan-nies, jieħu ħsieb xi admission, jekk jiġi mitlub biex jiftaħ iċ-ċelel irid jiftaħhom, jekk tinqala xi ġlieda jkollu jintervjeni u kwalunkwe xogħol ieħor li jkun meħtieġ.

   **Ix-xhud iddikjara li x-xogħol tal-constant watch għandha x'taqsam miegħu n-Nurse u mhux l-Uffiċjal. Jiddikjara wkoll li kemm il-darba intbagħtu emails lill-awtoritajiet biex jinfurmawhom li l-kwalità tal-cameras ma kienitx tajba.**

8. **George Mallia** xehed kif huwa kien jokkupa l-kariga ta' Maġġur stazjonat ġewwa l-forensic ward Mount Carmel. Jiddikjara li l-imputat kien stazzjonat Division 5 ġewwa il-forensic u xogħlu dejjem għamlu sew. **Jispjega kif xogħol il-gwardjan kien li jżomm l-ordni u ma huwiex xogħlu li joqgħod għassa mal-monitors għax f'xi mument jew ieħor il-gwardjan bilfors kien ha jkollu jiċċaqlaq**. Jistqarr kif huwa kien jibgħat diversi emails lis-Sur Robert Edmondson, il-persuna inkarigata mis-security sabiex jinfurmah li c-CCTV cameras li kien hemm ma kienux adegwati u li kellhom jiġu mibdula għaliex ma kienux qegħdin jispeċifikaw ċertu dettalji u anke kienu black and white. Kien jitolbu wkoll sabiex dawn c-CCTV cameras biex jiġu ppożizzjonati aħjar b'tali mod li juru aktar il-kamra. Dawn l-emails kienu anke jintbgħatu lil psikjatri. Il-complaint prinċipali tal-Gwardjani inkluż tal-imputat max-xhud kien li l-iscreen shots kienu jkunu żgħar u tistax tara d-dettal fihom.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-ispettur Elton Taliana in kontro-eżami,** xehed li ma ttieħdux passi fil-konfront tal-gwardjan l-ieħor Joseph Zammit għaliex l-inkjesta kienet ikkunkludiet li għandhom jittieħdu passi fil-konfront tan-nurse u tal-imputat. Ix-xhud jispjega li n-nurse kienet constant watch mal-inmate u li kellha aċċess għal cameras ukoll. Ix-xhud xehed li in-nurse li ttieħdu passi kontriha fl-ebda mument ma talbet sabiex l-imputat jiftaħ iċ-ċella.

2. **Joseph Mifsud,** xehed li huwa kien gwardjan stazzjonat ġewwa l-Forensic u kien jaħdem night shift biss mil-ħamsa ta' filgħaxija sas-sebgħa ta' filgħodu. Dakinhar tal-inċident hu u l-imputat kienu duty. Magħhom kien hemm erba' nurses. Il-gwardjani kienu responsabbli mis-sigurta. Kultant kienu jagħmlu r-ronda, fuq talba tan-nurses kienu jiftħu ċ-ċelel. Fil-guard rooms kien hemm monitors li ridt taqla għajnejk biex tara xi ħaġa minnhom. Kienu kbar madwar tlett pulzieri u kienu black and white. Nofs il-kamra ma kienux jarawha fuq il-monitor. Fiċ-ċella fejn tgħallaq Richard Geoffrey Paxton il-bieb ta' barra ma kienx jinqabad mill-monitors.

   Jiddkjara li s-search taċ-ċella saret għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija u li s-search saret mill-Gwardjani li kienu duty filgħodu. Jistqarr li huwa kien preżenti għas-search li saret fiċ-ċella u li l-Gwardjani ikkonfermaw miegħu li kollox kien ok. Ix-xhud jiddikjara li f'xil-ħamsa neqsin kwart l-imputat kien mar jagħmel il-patrol u f'xil-ħamsa u għaxra kien mar ħdejhom l-infermier Pawlu Balzan u meta ix-xhud staqsieh jekk hux kollox ok, l-infermier Pawlu Balzan irrispondih fl-affermattiv. Madanakollu Pawlu Balzan reġa mar fil-ħamsa u nofs u talabhom sabiex jiftħulu ċ-ċella għax Richard Geoffrey Paxton ma kienx qiegħed ikellimhom. L-imputat fetaħ iċ-ċella u sabu lil Richard Geoffrey Paxton mgħallaq.

3. **Il-Psikjatra Dr Maria Axiaq,** xehdet li l-professjoni tagħha hija dik ta' consultant psychiatrist u taħdem l-isptar Mount Carmel u l-forensic unit. Lill-imputat tafu bħala uffiċjal li kien jaħdem il-forensic unit.

   Ix-xhud spjegat li level one nursing supervision hija proċedura fejn tkun applikata għal persuni li jkunu suwiċidali. L-inkarigu tan-nurse huwa li joqgħod constantly mal-

pazjent, constantly jiġifieri b'għajnejh fuqu f'sia tramite CCTV u sia jekk imur is-shower u dan sabiex il-pazjent ma jagħmilx ħsara lilu nnifisu.

**Il-Gwardjan m'ghandu x'jaqsam xejn għal level one supervision. Ir-responsabilta' hija tan-nurse.**

Wara l-mewt ta' Richard Geofrey Paxton saru diversi tibdiliet fis-sistema fosthom tibdil fil-viżwalita' tas-single rooms, fil-kwalita' tal-cameras u tal-monitors. Fil-kamra tan-nofs għamlu ħġieġa fin-nofs ħalli wieħed jkun f'pożizzjoni li josserva direttament il-pazjent li jkun qiegħed ġewwa.

Ix-xhud tiddikjara li l-imputat huwa ufficjal diliġenti ħafna, jaf imur mal-pazjent u mhux l-ewwel darba li talab lix-xhud sabiex tieħu ħsieb pazjent. Meta l-imputat sofra attakk tal-qalb, ftit wara rritorna lura għax-xogħol u fil-fatt hija kienet irrabjat miegħu għax kien mar għax-xogħol. Tistqarr li hija ma tista tgħid xejn ħażin fuqu anzi timmissjah.

4. **Il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri,** xehed li huwa ilu jaħdem bħala konsulent psikjatriku għal dawn l-aħħar tletin sena u huwa kien konsulent psikjatriku ġewwa l-forensic unit, deputy chairman tal-isptar Monte Karmeli kif ukoll senior lecturer tal-Universita ta' Malta.

Ix-xhud xehed li l-imputat huwa gwardjan responsabbli ħafna u dam madwar disa' snin stazzjonat il-forensic unit. Il-gwardjani xogħolhom kien li jimmaniġġjaw il-unit mhux il-pazjenti, biex jassiguraw li l-pazjenti ma jaħarbux u jekk tinqala xi ġlieda jikkontrollawha kemm jista jkun malajr.

**Il-Pazjent Paxton kien fuq level one nursing care jiġifieri n-nurse toqgħod miegħu l-ħin kollu u tosserva l-imġieba tiegħu. L-imputat kien uffiċjal li jieħu ħsieb l-andament jiġifieri jiftaħ u jagħlaq il-bieb tad-division u dak ikun maghmul taħt ir-rikjesta jew taħt it-tabib jew taħt in-nurses li jgħidulu biex jiftaħ il-bieb. Ix-xhud jispjega kif il-level one supervision ma jsirx mill-uffiċjal iżda huwa parti mix-xogħol tan-nurse. Biex jiftaħ iċ-ċella l-uffiċjal jrid jiġi mitlub jew mit-tabib**

**jew min-nurse. L-imputat me kellux d-dover li joqgħod imur ħdejn il-bieb taċ-ċella u jkellem lil pazjent.**

5. **Helenio Galea,** xehed kif l-imputat Philip Zammit kien ilu jaħdem il-ħabs sa mit-12 ta' Diċembru 1996 u xogħlu dejjem għamlu sewwa. Kien ilu madwar għaxar snin stazzjonat il-forensic unit. Wara li ġara l-inċident l-imputat baqa' jaħdem bħala uffiċjal sakemm eventwalment irtira bil-pensjoni tas-servizz. Fl-aħħar snin huwa kien stazzjonat ir-rise.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

1. **L-Imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat Philip Zammit:** '*...talli nhar id-9 ta' Jannar 2016, għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa neqsin għoxrin u l-ħamsa u nofs u ħamsa ta' filgħodu ġewwa l-Isptar Monte Karmeli, Attard b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Richard Geoffrey Paxton.'*

Illi qabel ma din il-Qorti tgħaddi sabiex tistabbilixxi jekk f'dan il-każ kienx hemm xi imprudenza jew traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tal-imputat il-Qorti ser tagħmel referenza għal x' qalu l-Qrati tagħna f' dan ir-rigward. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) tat-28 ta' Frar, 2018 mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Dorianne Camilleri** ntqal hekk:

> *Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ' Pulizija vs Perit Louis Portelli' gie stipulat li: "Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn*

*persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*
*'Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz. Illi Francesco Antolisei, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk: :"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'." Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Richard Grech (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta. Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta'hsieb", "traskuragni" u "nuqqas ta' hila" izda "it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances." Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja:* ***1. azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti. 2. ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza. 3. l-element tal-prevedibbilita'"***

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t' Ottubru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Stroud**, il-Qorti ċċitat dak illi qal Archbold fil-' Criminal Pleading, Evidence and Practice' : *"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied*

*"reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that ... the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."*

Illi għalhekk din il-Qorti jeħtieġ li tistabbilixxi jekk l-imputat Philip Zammit:

1. kienx negliġenti, imprudenti u non-kuranti fl-aġir tiegħu.
2. jekk dana jirriżulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-aġir tiegħu u l-event dannuż.
3. jekk il-ħsara kinitx wahda prevedibbli.

Din il-Qorti tibda billi tiddikjara li mill-provi produċibbli jirriżulta li l-fatturi ewlenin li waslu għal mewta traġika ta' Paxton huma segwenti:

1. **<u>Ic-CCTV cameras</u>**

Il-camera li kien hemm fuq il-bieb taċ-ċella ta' Paxton, u l-angolazzjoni jew il-wesa' tal-visibbilta tagħha, ma kienx adekwat għar-raġuni illi dak li jiġri mal-ħajt tal-bieb taċ-ċella ma kienx viżibbli minn dawn il-cameras. Apparti minn dan, il-monitors kienu żgħar u mhux talli kienu black and white, talli anke ma kienux ċari.

Fl-affidavit tiegħu l-imputat isostni li l-camera *"kienet difettuża u fil-fatt il-camera ma kienitx qed turi iċ-ċella kollha. Ngħid ukoll illi anke huma kienu jafu li l-camera mhux sew għax jumejn qabel ġew biex jirranġawha imma baqgħet bil-ħsara"*.

Mistoqsi jekk: "*Fejn tgħallaq Paxton kienx ikkaverjat b'CCTV ?"*. L-imputat wieġeb: *"Le hu ma kienx jidher"*. Mistoqsi: *"Kemm hu kbir il-monitor li kellek int?"* L-imputat irrisponda: *"Qisu daqs erba' b'erba' pulzieri u black and white. Ara ta' barra jkunu kbar"*.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti meta l-imputat Philip Zammit ġie mistoqsi jekk ic-CCTV camera fiċ-ċella fejn kien hemm Richard Paxton taqbadx il-kamra kollha, l-imputat irrisponda: *'Le hemm madwar żewġ*

*piedi minnha man-naħa tal-bieb li ma jinqabdux. Fil-fatt il-bieb ma tarahx u anki t-tieqa ma tinqabadx kollha. It-tieqa fiha xi tmien piedi jew aktar u kull ma jinqabad xi żewġ piedi u nofs jew tlett piedi minnha. Xi tliet ijiem qabel l-inċident ta' Paxton kienu irraportaw dwar din il-camera partikolari u kien ġie Joe Mallia biex jara x'jista jsir. Ngħid li xi sentejn qabel kien ġie dan Mallia jipprova jirranġaha imma kif beda jbaxxiha biex jaqbad il-bieb kien jitlef it-tieqa. Ngħid li s-sistema li hemm ma tantx hija tajba u ma tantx tara sew għaliex black and white.*

Fix-xhieda tagħha WPS 198 Jennifer Caruana xehdet: *"F'ħin minnhom dan Richard Paxton deher fil-kamra jippassiġġa u imbagħad f'ħin minnhom ma baqax jidher fil-camera għax fejn hemm il-camera tiġi eżatt fuq il-bieb u allura hu peress li resaq mal-bieb ma baqax jidher".*

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat inkwirenti l-gwardjan Joseph Agius xehed li "*Ngħid li l-monitors huma żgħar bejn tlieta u erbgħa pulzieri b'kollox u huma black and white. Taqla għajnejk biex tara xi ħaġa u nżid ngħid li l-kamra ta' Paxton lanqas taraha kollha".*

Fix-xhieda tagħha quddiem it-Tabib Mario Scerri Yulia Toteva sostniet li *"I would like to add that on many occasions I asked that the monitors be adjusted so that we can see them better since the cells are in darkness and the size is small"* Sostniet ukoll: *" There was an occasion when the monitor was set so that picture appears larger and about* ***Paxton*** *who was a very dangerous man to himself, I had asked the guard to arrange the monitor so that we could see better but I had been told "Now we see". The majot told me this. This is Major Frankie.".*

Fix-xhieda tiegħu quddiem it-tabib Mario Scerri, S.C.O Frankie Borg sostna li: *"Ngħid illi ġieli kellna lmenti mingħand xi nurses rigward il-monitors li jintużaw bħala security fiċ-ċelel għar-raġuni illi dawn kienu mudlama bil-lejl bir-riżultat illi dawn in-nurses ma setgħawx jaraw il-monitor sew".* Sostna wkoll li *"Il-monitor ta' barra ġieli nkabbruh, fil-fatt fuq dan l-ilment ħadna*

*action u nfurmajna l-ħabs u qalulna* ***li kienu sejrin ikabbru l-monitors u jagħmlulhom il-cameras bil-kulur."***

Fix-xhieda tiegħu waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri Frankie Borg wara li ġie mistoqsi jekk qatt kellux xi rapporti rigward il-kwalita ħażina tac-CCTV's huwa sostna li: *"Ehe kien hemm u ġew irrapurtati minn naħa tal-ħabs...mhux mill-imputat biss anke min kien jaħdem..u bagħatna emails lin-naħa tal-ħabs li l-camera mhux ċċentrata biżżejjed"*

Fix-xhieda tiegħu Dr Martin Bajada stqarr li l-camera *bażikament kif kienet ippożizzjonata ma ġġibx il-bieb...Il-camera ma kinitx qed tagħti 360 degrees tiegħu.* Rigward il-kwalita ta' dawn ic-CCTV's Dr Martin Bajada xehed: *"Ħa npoġġiha bl-ingliż, much to be desired"*

Fix-xhieda tiegħu waqt il-proċeduri ta' din il-kawża George Mallia li dak iż-żmien kien maġġur il-forensic ward stqarr li "*pero rrid ngħid ukoll għax dan kellna ic-CCTV cameras ma kienx juru fid-dettal sew jiġifieri ċertu affarijiet ma tarahomx. U kont nibgħat emails lil min hu inkarigat mis-security li huwa Robert Edmondson. Dan kont nibgħatlu u kont ngħidlu isma dan mhux qed, għandna bżonn nibdluhom dawn ic-CCTV cameras għax mhux qed jispeċifikaw ċertu dettalji. Ċertu movimenti u anke kienu black and white ma kienux qed jidhru sew u kont nibgħatlu l-emails biex jiġi jirranġawhom u anke forsi icaqalquhom kont ngħidlu biex juru l-kamra tidher minn kull angolu".* Sostna wkoll li huwa irċieva ħafna lmenti inkluż mingħand l-imputat Philip Zammit rigward dawn ic-CCTV cameras.

Din il-Qorti hija perplessa kif persuna li kienet diġa ppruvat tikkommetti suwiċidju mhux biss titpoġġa ġo ċella li ma tinqabadx kollha kemm hi mic-CCTV camera, iżda titpoġġa ġo ċella fejn il-bieb tagħha li ma jinqabadx mic-CCTV camera jkollu toqba kbira biżżejjed sabiex persuna b'tendenzi suwiċidali tkun tista tużaha sabiex fil-fatt twettaq suwiċidju.

Waqt l-aċċess li sar fid-9 ta' Novembru 2018 ġie kkonstat illi fiċ-ċella il-pożizzjoni tal-camera ġiet varjata b'mod li llum bil-camera kif ippożizzjonata

tidher iċ-ċella prattikament kollha **a kuntrarju ta' dak iż-żmien.** Qabel il-camera kienet fuq il-bieb taċ-ċella u llum qiegħda fuq wieħed mill-ħitan, il-ħajt tal-lemin inti u dieħel fi-ċella. Ġie ikkonstat li anke l-monitors ġew mibdula.

**Għalhekk huwa evidentament ċar li għal dan il-fattur tal-cameras ċertament li ma għandux jirrispondi l-imputat Philip Zammit.** Hija tassew ħasra li kellha tiġri din it-traġedja sabiex l-awtoritajiet konċernati ħadu ħsieb li din il-problema tac-CCTV camera tiġi ndirizzata u dan minkejja li l-istess awtoritajiet kienu ilhom jafu b'din il-problema tac-CCTV cameras u jidher li ma kien sar xejn fil-konkret sabiex din il-problema tiġi ndirizzata.

2. <u>**Toqba fil-bieb taċ-ċella**</u>

Jirriżulta li fil-ħadid tal-kantuniera tal-lemin ta' fuq, fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieb taċ-ċella li fiha kien hemm Paxton kien hemm toqba, liema toqba kienet bla skop u serviet sabiex minnħa għaddiet il-lenza li magħha nstab mgħallaq Paxton. Din il-Qorti waqt l-aċċess li sar nhar id-19 ta' Ġunju 2023 setgħet tikkonstata li **għad hemm nuqqasijiet li għandhom jiġu indirizzati immedjatament mill-Awtoritajiet konċernati.**

**Din il-Qorti kif preseduta tinsab perplessa kif l-Awtoritajiet konċernati raw li t-toqba ta' din iċ-ċella tingħalaq, biss hi stess setgħet tikkonstata li hemm minn tal inqas ċella oħra li għad għandha toqba identika għall dik msemmija hawn fuq. Din il-Qorti tirrakkomanda lill-Awtoritajiet konċernati sabiex minnufiħ isir risk assessment kif imiss dwar il-perikli inerenti f'din id-Diviżjoni, u dawn jiġu indirizzati immedjatament.**

Illi fil-konklużjoni tar-rapport tiegħu t-Tabib Mario Scerri fost l-oħrajn sostna li:

> *"Illi l-esponenti jaqbel mas-suġġeriment ta' Dr. Joseph Spiteri li l-bibien taċ-ċelel fejn ikunu qegħdin jinżammu dawn il-pazjenti li jkunu under constant watch m'ghandux ikun solidu iżda għandu jkun magħmul minn ħadid vertikali u għalhekk in-nurses li jkunu*

*fil-kuridur jistgħu jaraw faċilment x'ikun qiegħed jiġri f'dawn il-kmamar apparti l-monitors. Dan m'għandux ikollu bars oriżżontali sabiex pazjenti ma jkunux jistgħu jiddendlu miegħu.*

*"Ukoll ta' periklu huwa l-perspex fuq in-naħa ta' barra tat-tieqa li tagħti għall-bitħa. Dan il-perspex jista' jkun ta' periklu għall-pazjenti li jkunu determinati li jikkommettu suwiċidju u li jistgħu ikissruh u jittqattgħu miegħu"*

***"Illi t-toqba fil-ħadid fil-kantuniera tal-lemin ta' fuq, fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieb taċ-ċella li fiha kien hemm Paxton u li magħha nstab sospiż hija bla skop u għandha tingħalaq immedjatament"***

Illi waqt l-aċċess li sar fid-9 ta' Novembru 2018 ġie kkonstat illi t-toqba illi kienet tidher fil-ħajt fir-ritratti meħuda fi żmien ta' l-inċident mill-esperti nominati issa ġiet mgħottija **u l-bieb iwweldjat b'mod li ma għadx hemm toqob. B'mod partikolari t-toqba kienet fiċ-ċaċċis tal-bieb li huwa tal-ħadid.**

Għal darb'oħra din il-Qorti ma tistax ma terġax ssostni li hija tassew ħasra li kellha sseħħ traġedja sabiex l-Awtoritajiet konċernati ħadu l-miżuri neċessarji sabiex il-bieb taċ-ċella jiġi iwweldjat b'mod li ma għadx hemm din it-toqba. Biss jingħad ukoll li **f'ċelel adjaċenti, din il-Qorti kif presjeduta setgħet tinnota li għad hemm toqba jew toqob li huma ta' periklu. Jingħad li waqt l-aċċess ma kienx hemm pazjenti ġewwa ċ-ċella fejn ġiet innotata t-toqba, biss xorta waħda dan il-periklu għandu jitneħħa minnufiħ.**

**Għalhekk l-imputat Philip Zammit ċertament li ma għandux jinżamm responsabbli għal dan in-nuqqas.**

3. **<u>Il-lenza li biha spiċċa mgħallaq Paxton</u>**

Illi apparti t-toqba li ssemmiet hawn fuq, l-inċident sfortunat fiċ-ċirkostanzi riżultanti seta jseħħ biss bl-użu tal-lenza li biha spiċċa mgħallaq Paxton. Din il-lenza jew kienet fil-pussess ta' l-istess Paxton jew x'imkien possibbilment moħbija fiċ-ċella. Kieku l-imputat kien responsabbli mis-search fiċ-ċella jew

fuq Paxton, din il-Qorti kienet tikkunsidra dan il-fatt ukoll. Biss peress li mill-provi jirriżulta li **din ma kinitx responsabbilta' tiegħu, ċertament li ma huwiex responsabbli għal dan in-nuqqas.**

4. L-effikaċa tal-Level 1 constant watch supervision fuq Paxton

Din il-Qorti qabel xejn jeħtieġ li tistabbilixxi min kienet il-persuna jew persuni responsabbli għal-level 1 constant watch supervision fuq Paxton. Id-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha tinsisti li x-xogħol tal-imputat kien propju li jassigura s-sigurta tal-post.

Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat Philip Zammit meta mistoqsi *"Inti x'inhu eżatt xogħlok ?* Huwa rrisponda: *"Li nżomm is-sigurta u li ma jaħrab ħadd u ma jkunx hemm xi ġlied għal bon ordni".* Mistoqsi direttament jekk *"Jiġifieri inti ma kontx constant watch ma Richard Paxton ?"* L-imputat sostna li *"Le dak in-nurses ikunu miegħu".* Mistoqsi wkoll *"Inti kellek xi obbligu jew xi ħadd struzzjunalek biex inti tieħu ħsieb lil dan Paxton?"* L-imputat wieġeb *"le".*

Fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri WPS 198 Jennifer Caruana meta mistoqsija *"Issa meta qalulek li kien taħt constant watch spjegawlek il-constant watch minn min huwa obbligu li jsir ? **Jiġifieri jekk huwiex min-nurses, tobba u/jew gwardjani tal-faċilita?**"* Ix-xhud sostniet: *"**Suppost kien hemm nurse miegħu...ikun hemm nurse l-ħin kollu suppost għassa miegħu".***

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri l-infermier Paul Balzan meta mistoqsi *"Tista fi kliemek tgħid lil Qorti xi jfisser u x'jiġifieri li tkun nurse level one ma pazjent jekk jogħoġbok?",* huwa rrisponda: *"li toqgħod għassa l-ħin kollu mal-monitors'.*

Fir-relazzjoni tiegħu t-Tabib Mario Scerri fost l-oħrajn kkonkluda li:

> *"Illi dan kien Level 1 constant watch permezz ta' CCTV fil-ħin li jkun fis-single room u barra s-single room constant watch **tkun at arms length mill-istaff tan-nurses.***

*Illi x-xogħol ta' dawn in-nurses kien jinkludi moniteraġġ fis-single rooms*

*Illi l-esponenti ma jistax jifhem kif fil-ħin li dehru li l-affarijiet ma bdewx sejrin sew, kien hemm biss nurse waħda tissorvelja l-monitors u cioe' Julia Toteva meta l-compliment ta' nurses kien ta' 4. M'hux aċċettabbli li tlieta minnhom kienu fuq break fl-istess ħin".*

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, Frankie Borg maġġur tal-ħabs meta mistoqsi *"Issa tista tgħidilna xogħol ta' Gwardjan speċifikament xi jkun xogħlu hemmhekk ġol-forensic ?",* huwa sostna "*Kwalunkwe xogħol uh. Jekk ikun xogħol ta' filgħodu ikollu x'jaqsam max-xogħol ta' filgħodu. Philip Zammit il-biċċa l-kbira orderly kien ikun mal-gurnata jieħu ħsieb it-telephone, il-vizti tan-nies. Imbagħad tigi xi admission jieħu ħsieb dawk l-affarjiet. U mbagħad la jkunu ta' bil-lejl li jkunu tnejn jidħlu mill-ħamsa ta' bil-lejl għandek sas-sebgħa u nofs jgħinu lil tal-ġurnata u mbagħad mat-tmienja u nofs jaqgħu it-tnejn ta' bil-lejl biss xogħol. Ikunu wieħed orderly u l-ieħor fejn se jgħajtulu n-nies jgħid isma għandna bżonn, jew jidħol xi admission mill-Ħabs. Mhux l-ewwel darba bil-lejl jitqatta xi ħadd jew ħa jitgħallaq jridu jkunu ġiex uffiċjali biex jisserċjawh. Il-forensic huwa dormitorju. Hemm sitt ċelel jesgħu ħames priġunieri kull waħda. Ġieli anke jkollok ġlieda bil-lejl l-Uffiċjali jmorru jintervjenu, jiftħu jġibu tabib u hekk".*

Mistoqsi *"X'inhuma r-regolamenti tal-constant watch ġewwa Mount Carmel?",* ix-xhud wieġeb ***"Constant watch għandha x'taqsam miegħu n-Nurse mhux Uffiċjal"***. Ix-xhud fix-xhieda tiegħu sostna wkoll ***"Constant watch m'għandux x'jaqsam il-Gwardjan. Il-constant watch bin-Nurses ma nidħlux fiha l-Gwardjani constant watch". "Il-Psikjatra ordna constant watch u jkun hemm Nurse 24 siegħa miegħu dan, miegħu. Ma tistax tiċċaqlaq, jekk tiċċaqlqa jrid jibdilha Nurse ieħor."***

Mistoqsi *"Bħala guidelines min naħa tal-ħabs hemm xi guidelines li jistabbilixxu x'inhuwa x-xogħol tal-Gwardjan ġewwa Mount Carmel ?"* Ix-Xhud *wieġeb "Kif qed nghidlek uh,* ***ix-xogħol normali ta' Gwardjan l-istess bħal ħabs".***

Fix-xhieda tiegħu huwa sostna wkoll li l-gwardjan ***"jista jiċċaqlaq, jista jqum minn fuq il-cameras qed tifhem, jista' jqum, bil-lejl jista jqum minn fuq il-cameras u m'ghandux għalfejn joqgħod magħhom għax għandek in-nurse, 4 Nurses ikun hemm bil-lejl, tista' tgħid ma dawn l-affarijiet ikunu Nurses. Il-Gwardjan irid jiċċaqlaq mhux joqgħod hekk il-ħin kollu jħares lejn il-cameras uh".***

Mistoqsi: *"U l-constant watch allura issa li għandek ordni medika huma Nurses biex jagħmlu xogħol mediku li huma joqogħdu constant watch ma dan l-inmate, naqblu s'hawn?",* ix-xhud wieġeb *"naqblu".*

Mistoqsi *"Mela allura l-Gwardjani tax-shift ta' filgħaxija xogħlhom hu biex jaraw li ħadd m'hu dieħel ġol-premises u ħadd m'hu ħiereġ minn ġol-premises, naqblu s'hemm?",* ix-xhud wieġeb *"Parti mix-xogħol".*

Mistoqsi *"U għalhekk għandek aktar minn camera waħda għax dawn il-cameras ikkoregini jekk hux sejjer żbaljat huma tal-fence, tal-btieħi, tal-general areas, tal-post fejn jidħlu l-inmates, biex taraw il-bibien taċ-ċelel magħluqin naqblu s'hemm?",* ix-xhud wieġeb *"Naqblu".*

Mistoqsi *"B'kollox hemm numru ta' monitors u dan mhux kollox fuq monitor wieħed."* ix-xhud wieġeb *"le, le hemm iktar monitors minn wieħed."*

Mistoqsi *"U mbagħad huma responsabbli ukoll mix-xogħol ta' matul il-lejl, xi ġlieda, xi admission minn CCF jew xort'oħra naqblu s'hemm?"* ix-xhud wieġeb *"Kważi dejjem jinqala xi ħaġa".*

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, George Mallia Maġġur il-Forensic Mount Carmel meta mistoqsi x'kien xogħol l-imputat Philip Zammit, huwa wieġeb *"Xogħlu huwa li jżomm il-bon ordni tal-priġunieri , ġlied, imbarazz... jiġifieri dak huwa x-xogħol tiegħu...Xogħlu li jagħmel mal-visits, meta jkun hemm il-visti, jirreġistra, li jkun hemm bżonn fit-taqsima."*

Mistoqsi *"tista tispjegalna jekk jogħoġbok fiż-żmien meta kont hemm inti x'kienet il-proċedura tiegħek meta ikun hemm xi ħadd constant watch?"* ix-xhud wieġeb ***"Iva meta aħna kien ikollna wieħed li jgħidulu level 1 dan ikun hemm nurse miegħu anke ġos-single room, intuh in-non turbal clothes, jiġifieri dak li ma jkunx jista' jaħraqhom, ma' jkun jista jqattagħhom u hekk u jkun taħt osservazzjoni kontinwament u tinqala nurse apposta għalih, u isegwih bil-monitors u meta jifthulu, meta jkun hemm bżonn li jifthulu jew biex jarah il-psikjatra bilfors irid ikun hemm in-nurse anytime miegħu."***

Mistoqsi "*Issa bħala xogħol ta' gwardjan x'inhi r-remit tiegħu? Jiġifieri fejn kellu aċċess illi jidħol?"* ix-xhud wieġeb ***"il-gwardjan kif qed ngħidlek biex iżomm il-bon ordni. Dan kien ikolli wieħed ġewwa irid jiġri mad-diviżjoni fil-guard room u ikolli wieħed barra speċjalment bil-lejl tnejn ikunu biss. Wieħed irid jieħu ħsieb barra u l-ieħor irid jieħu ħsieb ġewwa. Dan kemm il darba jinqala ġlied, il-ħin kollu jiftaħ waħdu u ġieli anke sejjaħna l-assistenza tal-SRT għax qed ngħidu aħna ċella ma jkunx fiha wieħed waħdu. Ikun hemm sitta, sebgħa, tmienja, disgħa u anke ġieli kien ikollna ħdax. Anke ġieli ġo single room kien hemm tlieta. Jiġifieri dan biex iżomm l-ordni ma jistax iżomm għassa ma' monitor biss għax bilfors irid jiċċaqlaq 'l hemm u 'l hawn qed tifhem? Dan mhux xogħlu li joqgħod għassa mal-monitors".***

Fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti, il-Consultant Psychiatrist Dr Maria Axiaq spjegat kif kull min jidħol ġewwa l-forensic unit jiġi assigned Consultant bħala clinical responsability jew taħt ix-xhud jew taħt Dr Spiteri.

Mistoqsija *"Issa apparti sottoministrazzjoni ta' mediċinali jistgħu l-pazjenti li qegħdin fil-forensic unit ikunu qed jirrikjedu xi attenzjoni oħra?"* ix-xhud wieġbet: ***"Iva, attenzjoni ta' bħal level one li hija nursing supervision u level nursing supervision."***

Mistoqsija *"tista ġentilment fis-suċċint tispjega lil Qorti x'qed tifhem biha level one jew level two nursing supervision jekk jogħoġbok ?"* ix-xhud wieġbet *"level one nursing supervision hija proċedura fejn napplikawha għal min ikun suwiċidali. Fejn in-nurse l-inkarigu tiegħu ikun li joqgħod constantly mal-*

*pazjent jiġifieri b'għajnejh fuqu f'sia tramite CCTV u sia jekk imur s-shower joqgħod attent li ma jkun hemm l-ebda imġieba li tindika li bniedem ha jagħmel ħsara lilu nnifsu"*

Mistoqsija ***"issa allura f'dan il-kuntest tal-gwardjani tal-faċilita' korrettiva ta' kordin, tista tispjega lil Qorti x'inhu ir-responsabilta tagħhom...fir-rigward ta' pazjent għal level one supervision ?".*** Ix-xhud wieġbet ***"xejn...għax kif inhija level one nursing supervision, hija xi ħaġa li l-uffiċjal ma jkollu x'jaqsam assolutament xejn magħha. I mean qisek qed tgħidli jekk jiena nordna antibiotic mhux ha nistenna lill-uffiċjal jagħtiehilu għaliex ovja mhiex l-irwol tiegħu li jagħmilha u l-istess ħaġa bħal level one nursing supervision."***

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, il-Konsulent Psikjatriku Dr Joseph Spiteri spjega kif huwa ilu għal dawn l-aħħar tletin sena konsulent psikjatriku u rigward dan il-każ huwa kien il-konsulent psikjatriku ġewwa l-forensic units kif ukoll id-deputy chairman tal-isptar Mount Carmel. Ix-xhud xehed kif ***"Il-ħabs dak iż-żmien kien joffri sapport biex permezz tal-uffiċjali biex jimmanigjaw il-unit, mhux il-pazjenti, jiġifieri bil-malti biex dawn ma jaħarbux minn ġol-forensic unit u biex jekk ikun hemm xi aggressjoni jikkontrollawha kemm jista jkun malajr."*** Xehed ukoll li ***"il-level 1 mhuwiex maghmul mill-uffiċjal, huwa parti mix-xogħol tan-nurse".***

Mistoqsi: *"Is-Sur Zammit...mhux talli ra l-perimetru tal-forensic unit, iżda wkoll illi ħin minnhom imur mal-bieb taċ-ċella tal-inmate biex ikellmu u jara kif inhu u tidher u jmur lura f'postu.* ***Meta qed jagħmel hekk is-Sur Zammit, mar oltre d-dmirijiet tiegħu, għamel id-dmirijiet tiegħu, ma għamilx id-dmirijiet tiegħu meta mar jiċċekja l-pazjent?",*** ix-xhud wieġeb ***"...iva dak ma huwiex id-dover tiegħu..."***

Illi għalhekk mill-provi produċibbli huwa evidentament ċar li kienu n-nurses li kienu responsabbli ghal level one constant watch supervision fuq Paxton. L-imputat bħala gwardjan kien responsabbli għas-sigurta u li tinżamm il-bon ordni ġewwa l-Forensic Unit tal-isptar Mount Carmel.

Mir-relazzjoni tal-espert tekniku Dr Martin Bajada preżentat fil-proċess verbal jirriżulta li l-aħħar proof of life ta' Richard Geoffrey Paxton kien fid-9 ta' Jannar 2016 għal ħabta ta' 04:42:57 am. Jirriżulta li l-imputat Philip Zammit mar ħdejn u ttawwal fiċ-Ċella ta' Richard Paxton mit-trapna żgħira li hemm fil-bieb fil-04:53:55 tad-9 ta' Jannar 2016 u dam hemm sa 04:54:02 tad-9 ta' Jannar 2016 (vide recording 12) u dana jfisser li Philip Zammit mar jittawwal madwar għaxar minuti wara li ma kienx hemm aktar movimenti ta' ħajja f'Richard Paxton.

Għalhekk minkejja li kemm fix-xhieda tiegħu quddiem il-maġistrat inkwirenti, kemm fix-xhieda tiegħu quddiem it-tabib Mario Scerri u anke fl-istqarrija tiegħu l-imputat Philip Zammit dejjem sostna li għal ħabta tal-ħamsa neqsin kwart jew il-ħamsa neqsin għaxra tal-filgħodu tad-9 ta' Jannar 2016 huwa induna li Richard Geoffrey Paxton ma kienx qiegħed jidher fuq il-camera u mar ħdejn iċ-ċella tiegħu, ittawwal minn trapna żgħira u staqsieh jekk hux kollox sew u Richard Geoffrey Paxton b'leħen normali infurmah li kollox kien sew, teżisti l-possibilta' li meta l-imputat Philip Zammit mar ħdejn iċ-ċella ta' Paxton u ittawwallu minn trapna żgħira, l-istess Zammit ma ndunax li Paxton kien tgħallaq u baqa' għaddej b'xoghlu.

Madanakollu ladarba meta l-Konsulent Psikjatriku Dr Joseph Spiteri ġie mistoqsi *"Is-Sur Zammit...mhux talli ra l-perimetru tal-forensic unit, iżda wkoll illi ħin minnhom imur mal-bieb taċ-ċella tal-inmate biex ikellmu u jara kif inhu u tidher u jmur lura f'postu. Meta qed jagħmel hekk is-Sur Zammit,* ***mar oltre d-dmirijiet tiegħu****, għamel id-dmirijiet tiegħu, ma għamilx id-dmirijiet tiegħu meta mar jiċċekja l-pazjent?",* il-Konsulent Psikjatriku Dr Joseph Spiteri wieġeb ***"...iva dak ma huwiex id-dover tiegħu..."*** u ladarba mill-provi produċibbli jirriżulta ampjament ċar li kienu n-nurses biss li kienu responsabbli għal level 1 constant watch supervision fuq Paxton, din il-Qorti ma jidrilhiex li għandha ssib lill-imputat Philip Zammit responsabbli ta' xi ħaġa li lanqas biss kienet responsabilta' tiegħu.

Dan qiegħed jingħad għaliex kull ħaddiem huwa mistenni minnu li f'xogħlu jagħmel id-dover u d-dmirijiet tiegħu u mhux li jmur oltre d-dmirijiet tiegħu.

Tajjeb li jingħad li madwar għaxar minuti wara n-Nurse Paul Balzan ukoll kien mar jittawwal lil Paxton mit-trapna tal-bieb taċ-ċella u dak il-ħin in-nurse Paul Balzan ukoll lanqas induna li Paxton kien tgħallaq. Dan kollu jindika li mill-pożizzjoni li kien jinsab fiha Paxton kien diffiċli li wieħed meta jittawwallu mit-trapna tal-bieb taċ-ċella jinduna li Paxton kien tgħallaq.

Mill-provi produċibbli jirriżulta wkoll li l-gwardjani ma kellhomx il-poter li jaqbdu u jiftħu ċ-ċella sakemm ma jkunux mitluba li jagħmlu dan minn xi nurse jew tabib. Fil-mument li n-nurse Paul Balzan talab lill-imputat Philip Zammit sabiex jiftaħ il-bieb taċ-ċella ta' Paxton, l-istess Philip Zammit fetaħ ċ-ċella immedjatament u fl-iqsar żmien possibbli.

Illi għalhekk ladarba l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-liġi li l-imputat Philip Zammit kien negliġenti, imprudenti u non-kuranti fl-aġir tiegħu din il-qorti ma hijiex se ssib lill-imputat Philip Zammit ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

## C. <u>Konklużjoni</u>

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lill-imputat Philip Zammit, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 608757M mhux ħati tal-akkuża kif dedotta kontrih u qegħda tilliberah minnha.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**